MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 910/1989/1

**Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta**

**Vs**

**Francis Difesa**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fil-31 ta' Lulju, 1987, waqt li l-imsemmi Francis Difesa kien isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni B-5499 f'Merchants Street, Valletta, huwa habat fil-vettura ta' l-istanti bin-numru tar-registrazzjoni M-1213 misjuqa minn Anthony Zammit;

Premess illi ghal dan l-incident, l-imsemmi Francis Difesa kien unikament responsabbli minhabba imperizja, imprudenza negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi b'konsegwenza ta' l-istess incident, l-istanti sborza s-somma ta' tliet mija, erbgha u erbghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm344.13,0) biex tissewwa l-hsara;

Premess illi interpellat biex jaghmel tajjeb, l-imsemmi Francis Difesa baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-incident tal-31 ta' Lulju, 1987, f'Merchants Street, Valletta, bejn il-vetturi numri B-5499 u M-1213 gara unikament b'imperizja, imprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti minn naha tal-konvenut;

2. Tillikwida l-ammont tad-danni sopportati mill-istanti b'rizultat ta' dan l-incident fis-somma ta' tliet mija, erbgha u erbghin lira Maltija u tlettax—il centezmu (Lm344.13,0) jew f'somma ohra verjuri li tista' tigi hekk likwidata, okkorrendo, permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni dak l-ammont hekk likwidat lill-attur;

Bl-ispejjez, ink1uzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar, 1989, u bl-imghax legali mill-istess data kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-incident awtomobilistiku imsemmi fic-citazzjoni attrici ma okkorriex minhabba htija tieghu izda

huwa esklussivament attribwibbli ghal nuqqas ta’ hila fis-sewqan ta’ l-istess attur u/jew Anthony Zammit;

2. Illi it-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda kontra tieghu bl-ispejjez;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Jannar 1990 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjarju Dr. Guido Pace Spadaro biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz; kif ukoll id-digriet ta’ l-1 ta’ Lulju 1996 li bih gie sostitwit il-perit nominat b’Dr. Veronica Galea Debono fl-istess inkarigu;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmija perit nominata li tinsab a fol. 51 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-udjenza tal-21 ta’ Novembru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi wahda minn dawk il-kawzi f’materja ta’ incident stradali konsistenti principalment fil-versjonijiet taz-zewg sewwieqa nvoluti. Versjonijiet ghal kollox kontrastanti ta’ kif sehhet il-habta;

Kif espress fid-decizjoni fl-ismijiet “**Moira Galea -vs- Michael Zerafa**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000, “f’kawza tax-xorta taht ezami kien jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika ta’ l-incident b’kull element ta’ prova a disposizzjoni taghha. Dan biex minn tali

rikostruzzjoni tkun tista' tasal biex tidentifika r-responsabilitajiet reciproci tas-sewwieqa nvoluti fl-incident relatati ma' l-osservanza jew non-osservanza da parti taghhom tar-regolamenti tat-traffiku li huma kienu obbligati li josservaw fic-cirkostanzi li fihom sehh is-sinistru";

Huwa proprju dan li pprovat taghmel, u fil-fatt irnexxielha taghmel b'maestrija, il-perit legali f'din l-istanza;

In succint, il-fatti relatati miz-zewg sewwieqa huma dawn:-

I. Anthony Zammit (seduta tat-28 ta' Gunju 1990), *driver* mal-Forzi Armati ta' Malta, jghid li waqt li kien qed isuq fi Strada Merkanti, fi triqtu 'l barra mill-Belt, meta avvicina l-inkrocju bejn din it-triq u Triq San Gwann sab ruhu konfrontat minn vann misjuq mill-konvenut li hareg bir-*reverse* minn Triq San Gwann. Mad-daqqa l-vettura tieghu giet spustata lateralment lejn ix-xellug u spicca mahbut ma' vettura ohra li kienet ipparkjata;

II. Bl-invers il-konvenut jafferma li bhala bejjiegh fuq il-Monti hu ghadda minn Triq Merkanti, dar ghal Triq San Gwann pero` htieglu jieqaf biex jippermetti xi nies jittraversaw it-triq. F'dan il-mument waqt li minn naha ta' wara l-vann misjuq minnu kellu xi zewg piedi sporgut fuq Triq Merkanti, sema' daqqa mal-vann tieghu u mbaghad daqqa ohra izghar;

Mill-ezami anke superficjali ta' dawn ix-xhiediet il-kunflitt fil-versjonijiet hi wahda lampanti. Hekk filwaqt li d-*driver* tal-Forzi Armati jghid li hu ntlaqat mill-vann tal-konvenut meta dan saq b'lura ghal fuqu, il-konvenut jirribatti li kien dan id-*driver* li baqa' diehel gol-vann tieghu;

Issa hu pacifikament ricevut illi ghalkemm l-*onus probandi* hu mixhut fuq minn jallega fatt spiss jigri illi meta l-attur ikun assoda *prima facie* t-talba tieghu, allura l-prova kuntrarja tinqaleb fuq il-parti l-ohra. Dan jissucciedi fejn il-konvenut jallega hu certi fatti. B'dan il-mod hu jqieghed ruhu fl-istess sitwazzjoni ta' l-attur ghal dak li hu l-oneru provanti l-bazi tad-difiza tieghu. U jekk hemm konflitt, wiehed imbaghad, ma ghandux facilment jaqa' fuq ir-

regola "*actor non probante, reus absolvitur*" jew ir-regola l-ohra inversa "*reus in excipiendo fit actor*";

Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";

Il-perit gudizzjarju irrikostruwiet d-dinamika ta' l-incident fuq il-provi cirkostanzjali u materjali li tressqu. Fuq dawn imbaghad waslet biex taghti piz korroborattiv lil versjoni tas-sewwieq Anthony Zammit;

Hi dehrilha, u dan gustament, illi l-versjoni ta' dan is-sewwieq kienet aktar kredibbli u attendibbli minn dik tal-konvenut, tenut rigward ta' certi fatturi provokanti l-incident. *Inter alia*, ir-*res gestae* li oggettivament irrizultaw fosthom in-natura tad-daqqiet subiti mill-karozza ta' Anthony Zammit u li kienu jillustraw illi fil-kaz ta' din il-vettura bilfors li kien hemm xi haga li spingieta ghal fuq il-karozza pparkjata max-xellug;

Hemm, imbaghad, l-indikaturi ta' fatt li kienu jemergu mil-lokalita` ta' fejn sehh l-incident u li kienu indubbjament jiddeterminaw r-regoli li kellhom jigu segwiti. F'dan il-kuntest il-perit legali hekk opinat":

"Illi hu maghruf, ghal kull min jghaddi minn dik il-*junction* li waqt li l-bejjiegha tal-Monti ikunu qed jarmaw u jzarmaw, tant ikun hemm konfuzjoni, u ntralci fit-triq, li vannijiet jirriversjaw 'l hawn u 'l hinn huwa normali u ghalhekk mhux inawdit li l-van tal-konvneut, wara li imbokkat fi Triq San Gwann, sabet li ma tistax tkompli ddur jew tipprocedi oltre minhabba xi intralc jew ostakolu, u li l-konvenut hass il-htiega li jirriversja ftit lura biex ikun

jista' jinnegozja l-manuvra li kien qed jaghmel ahjar. Tenut kont tac-cirkostanzi u l-fatturi ambjentali tal-lokalita` waqt il-hin ta' l-armar u zarmar, dan hu wkoll plawsibbli u verosimili."

Din il-Qorti tikkonkorda ma' din il-veduta li konsiderata oggetivament isservi biex tirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-versjonijiet konfliggenti taz-zewg sewwieqa. Taqbel ghalhekk li ghas-sinistru kien fi htija l-konvenut li bil-manuvra nkonsulta tieghu ta' *reversing* ta lok ghad-danni;

Ghal dawk li huma danni l-Qorti tikkondividi wkoll il-konkluzjoni raggunta illi dawn ma ghandhomx jaccedu l-ammont ta' tliet mija erbgha u erbghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm344.13,0) billi r-rizerva ta' "somma ohra verjuri" ma kelliex tigi interpretata b'referenza ghal xi ammont akbar mis-somma domandata u li pprecediet din il-frazi.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u b'hekk tiddikjara li ghall-incident li sehh fil-31 ta' Lulju 1987 fi Triq Merkanti, il-Belt ghandu jigi ritenut responsabbli l-konvenut minnhabba imperizja, imprudenza, negligenza u nuqqas tal-harsien tar-regolamenti da parti tieghu;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni sofferti fil-vettura ta' l-attur fl-ammont ta' tliet mija erbgha u ergbhin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm344.13,0), bl-interessi mid-data ta' l-ittra ufficcjali tad-9 ta' Jannar 1989;

Tilqa' konsegwentement it-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza ghandu jbatihom il-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------